# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 982/2007

## tal-21 ta' Awwissu 2007

## li jintroduċi ċertu denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Pimentón de la Vera (DPO) – Karlovarský suchar (IGP) – Riso di Baraggia Biellese e Vercellese (DPO))

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-ħarsien ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u ta' l-oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità ma' l-Artikolu 6 (2), l-ewwel inċiż, u l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni ta' Spanja biex tirreġistra l-isem "Pimentón de la Vera", l-applikazzjoni tar-Repubblika Ċeka biex tirreġistra l-isem "Karlovarský suchar" u l-applikazzjoni ta' l-Italja biex tirreġistra l-isem "Riso di Baraggia Biellese e Vercellese" ġew ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea [2].

(2) Peress il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, dawk l-ismijiet għandhom jiġu rreġistrati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjonijiet imsemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiġu rreġistrati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament huwa obbligatorju fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Awwissu 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[2] ĠU C 287, 24.11.2006, p. 2 (Pimentón de la Vera); ĠU C 290, 29.11.2006, p. 20 (Karlovarský suchar); ĠU C 291, 30.11.2006, p. 10 (Riso di Baraggia Biellese et Vercellese).

*ANNESS*

## 1. **Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum tal-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat**

*Klassi 1.6. — Frott, ħaxix u ċereali friski jew ipproċessati*

L-ITALJA

Riso di Baraggia Biellese e Vercellese (DPO)

*Klassi 1.8. — Prodotti oħrajn ta' l-Anness I tat-Trattat (ħwawar; eċċ.)*

SPANJA

Pimentón de la Vera (DPO)

## 2. **Oġġetti ta' l-ikel imsemmija fl-Anness I tar-Regolament**

*Klassi 2.4. — Ħobż, prodotti tal-għaġina, ħelu, gallettini u xogħol ieħor tal-furnara*

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Karlovarský suchar (IGP)